

Trawwim ta' fiduċja permezz ta' awditjar indipendenti -

L-Istrateġija tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-perjodu 2018-2020



Werrej


Pàgna

- 3 **L-UE fl-2018-2020: Ambjent diffiċli**
- 4 **Matul il-perjodu 2018-2020, il-QEA se tgħin biex l-isfidi tal-UE jiġu indirizzati**
- 5 **L-għanijiet strateġiċi tagħna għall-perjodu 2018-2020**
- 6 **Nirrinfurzaw il-valur miżjud tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni fil-kuntest tal-ġestjoni finanzjarja attwali tal-UE**
- 7 **Niffukaw aktar fuq aspetti relatati mal-prestazzjoni tal-azzjoni tal-UE**
- 8 **Inwasslu messaġġi ċari lill-udjenzi tagħna**
- 9 **Norjentaw l-organizzazzjoni tagħna lejn il-prodotti tagħna**
- 10 **Rimarki ta' konklużjoni: Nikkontribwixxu għat-trawwim ta' fiduċja fl-UE fil-perjodu 2018-2020**

L-UE fl-2018-2020: Ambjent diffiċli

Is-snin 2018-2020 se jkunu perjodu kruċjali għall-Unjoni Ewropea. Se jkunu jridu jittieħdu deċiżjonijiet ta' importanza kbira. Żviluppi fil-politika kumplessiva tal-UE, fil-ġestjoni finanzjarja tagħha u fl-ambjent professjonali tagħna joħolqu sfidi formidabbli, iżda jippreżentaw ukoll opportunitajiet għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ara **ċ-art**).

Sfidi u opportunitajiet fl-ambjent tal-QEA



Il-fiduċja fl-UE tonqos jekk ma jiġix iddimostrat li tipprovdi valur miżjud

L-isfidi jiġibu magħhom opportunitajiet għal titjib u effiċjenza. Madankollu, huma jpoġġu wkoll pressjoni kbira fuq ir-riżorsi u kapaċitajiet tal-UE, u jinvolvu r-riskju li ma jiġix ipprovdut valur għall-flus u li l-impatt intenzjonat ma jitwassalx. Biex l-isfidi futuri jiġu indirizzati b'suċċess, huwa meħtieġ li t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-prijoritizzazzjoni jsiru b'mod kapaċi u infurmat. Jeħtieġ li n-nies ikunu jistgħu jaraw li l-UE taġixxi b'integrità, tapplika l-istat tad-dritt, tonfoq flus il-kontribwenti bl-attenzjoni, tkun ċara dwar l-oġġettivi tagħha u tikseb ir-riżultati li tkun wegħdet.

Jekk ma jiġix iddimostrat li permezz tal-flus u l-azzjoni tal-UE jinkisbu riżultati pożittivi, il-fiduċja li ċ-ċittadini għandhom fl-UE se tonqos. Id-distanza pperċepita bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE issa tirrappreżenta theddida eżistenzjali għall-UE.

Matul il-perjodu 2018-2020, il-QEA se tgħin biex l-isfidi tal-UE jiġu indirizzati

Aħna nemmnu li l-QEA tinsab f'pożizzjoni tajba biex tkun tista' tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet li l-governanza tal-UE kif ukoll l-infiq xieraq tal-fondi tal-UE jippreżentaw, u b'hekk, permezz ta' awditjar indipendenti - biex tgħin liċ-ċittadini tal-UE jiddeċiedu jekk jistgħux ikollhom fiduċja li l-istituzzjonijiet tal-UE kapaċi jwasslulhom riżultati.

... għaliex din hija l-missjoni tagħna

Is-sena 2017 tfakkar l-40 anniversarju tal-QEA. Bħala l-awditur estern tal-UE, il-missjoni tagħna hija li nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, li nipromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, u li naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-QEA twissi dwar ir-riskji, tipprovdi aċċertament, tindika nuqqasijiet u suċċessi, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE u lil-leġislaturi tal-UE dwar kif jista' jsir titjib fil-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE u kif jista' jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Ewropa jkunu jafu kif qed jintnefqu flushom.

... minħabba l-valuri li niddefendu

Il-valuri tagħna huma li nirrispettaw l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, il-professjonaliżmu, l-integrità, l-imparzjalità u l-kapaċità ta' rispons.

... u minħabba l-azzjoni strateġika li biħsiebna nieħdu

Permezz tal-istrateġija tagħna għall-perjodu 2018-2020, aħna għandna l-għan li nipprovdu valur miżjud billi nagħtu għarfien u fehim ġodda u f'waqthom dwar il-baġits, l-oqsma ta' politika u r-regolamenti tal-UE liċ-ċittadini tal-UE, lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lil dawk involuti fl-implimentazzjoni. Il-QEA se timmira li tiddefinixxi s-setgħat tal-UE f'oqsma ta' politika speċifiċi, xi nkiseb bl-użu ta' dawk is-setgħat, u x'azzjoni jeħtieġ li tittieħed biex tiffaċċja l-isfidi futuri. Bl-indipendenza, il-kapaċità u r-riżorsi tagħna, aħna nkunu nistgħu nappoġġaw l-iskrutinju pubbliku, it-titjib, l-innovazzjoni u t-tagħlim fis-settur pubbliku tal-UE, u b'hekk nikontribwixxu biex tiżdied il-fiduċja fil-mod kif l-UE u l-istituzzjonijiet tagħna jindirizzaw l-isfidi tal-lum.

Il-prodotti prinċipali tal-QEA

- **Rapporti annwali** li fihom ir-risultati tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea u dwar il-Fondi Ewropej għall-lżvilupp, iżda wkoll aspetti ta' ġestjoni baġitarja u ta' prestazzjoni baġitarja
- **Rapporti speċjali**, li jippreżentaw ir-risultati ta' awditi magħżula tal-prestazzjoni u tal-konformità li jikkonċernaw oqsma ta' nfiq jew ta' politika speċifiċi, jew kwistjonijiet baġitarji jew ta' ġestjoni speċifiċi
- **Pubblikazzjonijiet ibbażati fuq analiżijiet**, bħal analiżijiet panoramiċi u dokumenti informattivi
- **Opinjonijiet** dwar liġijiet ġodda jew aġġornati b'impatt sinifikanti fuq il-ġestjoni finanzjarja
- **Rapporti annwali speċifiċi** dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-impriżi konġunti tal-UE

L-għanijiet strateġiċi tagħna għall-perjodu 2018-2020

Jeħtieġ li s-servizz li nagħtu liċ-ċittadini tal-UE u lir-rappreżentanti tagħhom jevolvi sabiex jadatta għall-isfidi u sabiex aħna nkunu nistgħu napprofittaw minn opportunitajiet ġodda. Fit-tliet snin li ġejjin, aħna se ntejbu l-firxa tal-prodotti tagħna (ara l-**kaxxa**) billi nrrinfurzaw il-valur miżjud tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni fil-kuntest tal-ġestjoni finanzjarja attwali tal-UE, filwaqt li niffukaw il-prodotti tagħna fuq il-prestazzjoni, u noħroġu messaġġi aktar ċari għall-udjenzi tagħna u norjentaw aħjar il-proċessi interni lejn il-prodotti tagħna.

Nirrinfurzaw il-valur miżjud tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni fil-kuntest tal-ġestjoni finanzjarja attwali tal-UE



Il-fiduċja fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE tista' tissaħħaħ jekk iċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom ikollhom aċċertament li jkun hemm konformità mar-regoli applikabbli. Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS) tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi kkontribwiet biex iseħħ titjib sinifikanti fil-konformità mar-regoli tal-UE (ara l-**kaxxa**). Żviluppi pożittivi fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jagħtuna l-opportunità li nergġhu nħarsu mill-ġdid lejn l-approċċ tal-awditjar li jintuża għad-DAS. Attwalment, l-awditjar tagħna relatat mad-DAS iserraħ prinċipalment fuq l-ittestjar dirett tal-konformità ta' kampjun rappreżentattiv kbir ta' pagamenti, li jkun intgħażel b'mod aleatorju.

Fil-perjodu 2018-2020, l-approċċ tal-awditjar li nużaw għad-DAS se jiġi adattat biex jibbenefika mit-titjib fis-sitwazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE (ara hawn taħt). Dan se jippermettilna niffukaw l-attenzjoni u r-riżorsi tagħna fuq il-valutazzjoni ta' jekk l-UE hijjex qed tikseb riżultati għaċ-ċittadini tagħha u – jekk meħtieġ – fuq l-eżaminar ta' kwistjonijiet ta' konformità mmirati, li jkunu relatati mal-ġestjoni finanzjarja tal-UE.

Id-DAS tal-QEA kkontribwiet għal titjib sinifikanti fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE matul dawn l-aħħar 20 sena

- Opinjoni tal-awditjar pożittiva dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE mill-2007 'l hawn
- Għadd sinifikattivament inqas ta' żbalji fil-pagamenti tal-UE
- Aktar rispettt tal-obbligu ta' rendikont u aktar trasparenza fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE
- Sistemi aħjar ta' kontroll li jwasslu għal prevenzjoni, detezzjoni u kejl aħjar ta' żbalji fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri
- Azzjoni korrettiva aħjar meta jinqabdu żbalji
- Simplifikazzjoni introdotta permezz ta' regolamentazzjoni aħjar

L-approċċ DAS għall-perjodu 2018-2020 se jkompli jkun ibbażat fuq il-mandat li l-QEA tingħata bit-Trattat, u f'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-awditjar tas-settur pubbliku. Aħna se neżaminaw il-possibbiltajiet għall-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet awditjati dwar il-legalità u r-regolarità, inkluża l-azzjoni korrettiva li jkunu ħadu. Dan l-approċċ DAS ikun jinkludi elementi aktar kwalitattivi u huwa mistenni jwassal għal tnaqqis fl-ittestjar dirett tal-pagamenti li jsir mill-QEA stess. Huwa mistenni wkoll li jkkontribwixxi għall-kosteffettività tad-DAS tagħna mingħajr ma jżid il-piż tax-xogħol tal-awditjar u tal-kontroll. Aħna se nikkonsultaw mill-qrib mal-partijiet interessati u l-partijiet awditjati tagħna.

It-tfassil tal-approċċ DAS se jseħħ flimkien ma' **tiġdid** aktar wiesa' **tar-Rapport Annwali tal-QEA** u se jkun jinkludi r-rinforzar tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-reġjuni (ara l-inizjattivi taħt l-għan strateġiku li jmiss).

Niffukaw aktar fuq aspetti relatati mal-prestazzjoni tal-azzjoni tal-UE



Iċ-ċittadini tal-UE u r-rappreżentanti tagħhom mhux biss jistennew li jkollhom aċċertament li flushom qed jintnefqu f'konformità mar-regoli applikabbli, iżda jixtiequ jkunu jafu wkoll jekk ir-riżultati intenzjonati nkisbux. Aħna ilna mill-bidu nett tal-eżistenza tagħna bħala istituzzjoni nirrappurtaw dwar il-valur miżjud u l-prestazzjoni tal-fondi u l-politiki tal-UE, iżda l-ambjent tal-lum jipprovdi sfidi u opportunitajiet ġodda. Bejn l-2018 u l-2020, aħna se niffukaw l-output tagħna fuq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni, kif ġej.

Nivalutaw aħjar il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE

Fil-ġejjieni, aħna se nindirizzaw aktar ta' spiss il-kwistjonijiet reali ta' prestazzjoni, bħall-kisba tar-riżultati u l-impatt intenzjonati u kif l-azzjoni tal-UE hija importanti għaċ-ċittadini. Fid-dawl tal-persjonijiet fuq l-UE biex twettaq riformi, aħna se jkollna neżaminaw ukoll, kull meta possibbli, jekk l-azzjoni fil-livell tal-UE kinitx l-aħjar mod biex jinkiseb l-eżitu mixtieq u jekk ikunx meħtieġ li jiżdied jew jitnaqqas l-intervent fil-livell tal-UE fid-dawl tal-obiettivi tal-finanzjament jew tal-politika. Aħna biħsiebna nirrappurtaw b'mod ibbilanċjat billi nirrikonoxxu dak li jkun inkiseb u billi nieħdu kont tal-limitazzjonijiet inerenti.

Ikollna viżjoni wiesgħa tal-azzjoni tal-UE

L-azzjoni tal-UE tiegħu effett b'bosta modi fi ħdan oqsma ta' politika wesgħin u interkonnessi, u sseħħ b'mod parallel ma' azzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali tas-settur pubbliku. Aħna se nwettqu analizzijiet ġenerali tal-azzjoni tal-UE f'diversi oqsma ta' politika, pereżempju billi noħroġu "analizzijiet panoramiċi". Permezz ta' dan, iċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom se jkunu jistgħu jivviżwalizzaw l-infiq tal-UE u l-azzjoni amministrattiva tagħha bħala parti minn stampa akbar. Dawn il-valutazzjonijiet ġenerali se jkunu jistgħu jgħinuna wkoll biex nidentifkaw miżuri speċifiċi tal-UE li jkun jistħoqqilhom jingħataw aktar attenzjoni fil-forma ta' awditi mmirati.

Nipprovdu tweġibiet rapidi għal mistoqsijiet urġenti u mmirati dwar l-azzjoni tal-UE

L-impatt tar-rapporti tagħna jiddependi mir-rilevanza, il-kwalità u t-twaqqit tagħhom. Aħna se nteju t-twaqqit tal-prodotti tagħna billi niffukawhom fuq il-kwistjoni li tkun l-aktar rilevanti (eż. permezz ta' *rapporti speċjali rapidi*). It-twaqqit huwa partikolarment rilevanti jekk ix-xogħol tagħna jkun meħtieġ b'rispons għal ġrajja kurrenti jew għal talba urġenti mingħand parti interessata. F'dan il-qasam, aħna se nintroduċu prodott ġdid fil-forma ta' "analizzijiet rapidi tal-każijiet" b'ambitu ristrett, u ffukat fuq l-istabbiliment tal-fatti dwar kwistjonijiet speċifiċi f'qasir żmien.

Inqabblu aħjar il-metodi u r-riżultati tal-azzjoni tal-UE

Se jiġu rinforzati l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' eżempji tajbin u ta' prattika tajba fir-rigward tal-mod kif il-fondi u l-politika tal-UE jiġu implimentati. Billi l-azzjoni tal-UE tiġi implimentata ta' spiss fl-Istati Membri, jista' jkun mistenni għalhekk li r-riżultati jvarjaw ġeografikament skont ċirkustanzi u prattiki amministrattivi differenti. Aħna se neżaminaw dawn id-differenzi kull meta jkun possibbli u utli biex ikun hemm tagħlim reċiproku ta' kif il-fondi u l-politika tal-UE jistgħu jiġu implimentati bl-aħjar mod.

Inżidu l-impatt tar-rakkomandazzjonijiet tagħna dwar it-titjib tal-azzjoni tal-UE

Fir-rapporti tagħna, aħna nagħmlu għadd kbir ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jteju l-prestazzjoni tal-fondi tal-UE u l-azzjoni amministrattiva tagħha. Konxji tal-isfidi prattiki li l-partijiet awditjati tagħna jiffaċċjaw, aħna se nieħdu ħsieb biex ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jindirizzaw in-nuqqasijiet b'mod kosteffettiv. Fejn meħtieġ, se nindirizzaw ukoll nuqqasijiet potenzjali fil-qafas legali. Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha tagħna se jingħataw segwitu rigoruż, u l-konklużjonijiet ta' dan is-segwitu se jiġu ppubblikati.

Noħroġu rapporti annwali dwar il-prestazzjoni tal-azzjoni tal-UE

Fi snin reċenti, il-partijiet interessati wrew li jeħtieġu informazzjoni aktar frekwenti dwar il-prestazzjoni tal-fondi tal-UE, u l-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li tirrinforza r-rappurtar tagħha dwar il-prestazzjoni permezz tal-inizjattiva "baġit iffukat fuq ir-riżultati". Aħna se niżviluppaw aktar il-valutazzjoni rikorrenti li nwettqu dwar il-prestazzjoni tal-baġit fit-totalità tiegħu, l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-fondi individwali kbar tal-UE.

Niprovdu għarfien dwar l-azzjoni tal-UE kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni

Permezz tax-xogħol li nwettqu, aħna nikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Fil-perjodu 2018-2020, aħna se niprovdu għarfien addizzjonali fir-rigward tal-azzjoni tal-UE kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni. Dan jinkludi l-forniment ta' aktar informazzjoni dwar ir-riskji ta' frodi u ta' korruzzjoni, u l-kwalità tas-sistemi ta' prevenzjoni u detezzjoni fil-Kummissjoni Ewropea, f'korpi oħra inkarigati mill-implimentazzjoni u fl-OLAF.

Inwasslu messaġġi ċari lill-udjenzi tagħna



L-iskrutinju li nwettqu tal-azzjoni tal-UE jista' jżid il-fiduċja fl-UE fil-każ biss li jirnexx ilna nikkomunikaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna b'mod ċar. Dan huwa ħafna aktar importanti illum billi ħafna sorsi ta' informazzjoni qed jikkompetu għall-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-implimentaturi. L-impatt tagħna fuq it-titjib tal-azzjoni tal-UE se jkun jiddependi mill-kwalità tar-relazzjonijiet li jkollna mal-partijiet interessati tagħna (ara l-**kaixa**).

Bejn l-2018 u l-2020, aħna se ntejbju u nagħmlu użu aħjar mir-relazzjonijiet mas-sħab tagħna, b'mod partikolari kif ġej.

Il-QEA għandha relazzjonijiet ma':

- l-awtoritajiet politiċi li huma responsabbli għas-sorveljanza (jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE, il-parlamenti nazzjonali u l-gvernijiet nazzjonali);
- il-partijiet awditjati li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi u l-politiki tal-UE (b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali);
- awdituri oħra (bħall-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Istati Membri);
- il-midja;
- sħab oħra (bħal universitajiet, gruppi ta' riflessjoni, NGOs u gruppi ta' interess);
- u, sa fejn ikun possibbli, iċ-ċittadini tal-UE direttament.

Niżviluppaw relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-PE, mal-Kunsill u mal-awtoritajiet nazzjonali

Fi snin reċenti, il-QEA intensifikat il-komunikazzjoni tagħha mal-Parlament Ewropew, eż. billi stabbiliet kuntatt aktar regolari ma' kumitati speċjalizzati. Biex jirnexx ilna ninfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-UE u dwar Prattiki amministrattivi oħra tal-UE, jeħtieġ ukoll li l-prodotti u r-rakkomandazzjonijiet relatati tagħna jilhqgħu lill-Kunsill u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Aħna se naħdmu biex intejbu l-kwalità tal-komunikazzjoni tagħna mal-Kunsill tal-UE fil-livell politiku u dak tekniku, kif ukoll mal-parlamenti u gvernijiet nazzjonali. Dan se niksbuh billi nieħdu kont akbar mhux biss tal-korrispondenti tal-UE iżda wkoll tal-panorama tal-midja nazzjonali. L-approċċ multilingwu tal-persunal tagħna u tar-rapporti tagħna għandu jiffaċilita dan il-proċess.

Nimmiraw fuq il-punti deċiżjonali fiċ-ċiklu tal-politika tal-UE

Id-deċiżjonijiet dwar il-fondi u l-politiki tal-UE jittieħdu fi ftit mument ta' qofol, l-aktar meta programmi u regolamenti eżistenti jkunu qed jiġu eżaminati u mgħedda jew meta l-baġit pluriennal tal-UE, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, ikun qed jiġi nnegożjat mill-ġdid. Aħna biħsiebna ntejbju t-twaqqit tar-rapporti u l-opinjoni tagħna biex b'hekk ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill meta jkunu meħtieġa għall-iskop ta' rieżaminar ta' leġiżlazzjoni.

Nifformulaw messaġġi ewlenin u ntennuhom fil-firxa kollha tal-prodotti tagħna

Reċentement, aħna żidna kemm il-firxa kif ukoll il-kwantità tal-prodotti tagħna. Qed nippruvaw nidentifikaw b'mod aktar effettiv is-sejbiet trażversali li joħroġu minn xogħol differenti f'ħafna oqsma. Se nużaw din l-informazzjoni biex nifformulaw messaġġi ewlenin li jkunu konsistenti, u nidentifikaw kwistjonijiet orizzontali bbażati fuq sejbiet f'ħafna oqsma li mbagħad nintegraw fil-firxa kollha tal-prodotti tagħna. Għaldaqstant, dawn il-messaġġi ewlenin se jirċievu aktar attenzjoni u jkollhom effett akbar ta' lieva.

Nistabbilixxu djalogo aktar kontinwu dwar il-prodotti tagħna

Tradizzjonalment, aħna niċċentraw il-komunikazzjoni tagħna madwar ir-rapporti finali tagħna. Fil-ġejjieni, aħna biħsiebna wkoll nikkomunikaw aħjar dwar ix-xogħol ipplanat, ix-xogħol fl-idejn u r-riżultati intermedjarji bħall-analiżijiet tar-riskju u l-laqqgħat ta' informazzjoni. L-interazzjoni mad-dinja ta' barra dwar ix-xogħol li nkunu qed inwettqu għandha tirriżulta f'titjib tal-prodotti tagħna u timmassimizza l-impatt ta' xogħolna.

Noġorġu pubblikazzjonijiet li jkunu aktar aċċessibbli u interessanti

L-għan li nżidu l-impatt tagħna u li jkollna relazzjonijiet aħjar maċ-ċittadini se jirrikjedi aktar xogħol fuq in-narrattiva tar-rapporti tagħna fost l-oħrajn permezz ta' struttura ċara u l-evitar ta' kliem tekniku. Se jsiru sforzi biex tinholq narrattiva konvinċenti mill-evidenza miġbura u mid-*data* li tiġi analizzata matul l-awditijiet tagħna.

Nisfruttaw aktar ir-risultati ta' xogħolna, biex nilħqu l-gruppi ta' partijiet interessati ewlenin

Bħalissa, aħna noffru prodotti standardizzati bħar-rapport annwali u r-rapporti speċjali. Għalkemm ta' spiss dawn ir-rapporti jkunu komprensivi ħafna, ġeneralment ikun fihom biss parti mill-informazzjoni li niġbru matul l-awditijiet tagħna. Barra minn hekk, jista' jkun li xi informazzjoni importanti li tkun tinsab f'dawn ir-rapporti ma tkunx laħqet lill-partijiet interessati rilevanti kollha. Biex negħlbu din is-sitwazzjoni, aħna se noġorġu derivattivi tar-rapporti tagħna, adattati apposta għall-gruppi ta' partijiet interessati ewlenin. Fejn ikun fattibbli, dan jista' jinkludi settijiet ta' *data* sottostanti. Dawn il-prodotti informattivi se jikkombinaw sejbiet minn għadd sostanzjali ta' rapporti tagħna u jstgħu jinkludu r-risultati ta' xogħol li jkun sar minn awdituri jew evalwaturi oħra.

Norjentaw l-organizzazzjoni tagħna lejn il-prodotti tagħna

L-istrateġija tagħna għall-perjodu 2013-2017 wasslet għal riorganizzazzjoni tal-istituzzjoni tagħna sabiex tiżied il-flessibilità tagħna u biex niffukaw aktar fuq ix-xogħol prinċipali tagħna: l-awditjar. Issa se nużaw il-kapaċitajiet imsaħħa tagħna biex nilħqu l-għanijiet strateġiċi tagħna għall-2018-2020. Minbarra dan, fis-snin li ġejjin, aħna se nisfruttaw aktar it-teknoloġija bil-ħsieb li nrendu x-xogħol tal-awditjar tagħna aktar innovattiv, u se napplikaw l-għarfien tagħna b'mod aħjar fil-prodotti tagħna.



Nies

Il-membri tal-persunal tagħna huma l-assi prinċipali tagħna, u l-għarfien espert tal-istituzzjoni tagħna jinsab f'idejhom. Minħabba karrieri itwal u riżorsi limitati għar-reklutaġġ, it-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll il-mobbiltà interna huma partijiet kruċjali mill-politika tal-HR tagħna. Aħna se nisfruttaw u nżidu l-għarfien u d-diversità tal-persunal tagħna billi ntejbu r-relazzjonijiet bejn l-individwi. Biħsiebna nsaħħu wkoll ir-rabtiet bejn il-membri tal-persunal tagħna u l-komunitajiet ta' esperti barra mill-istituzzjoni tagħna.

Teknoloġija

It-teknoloġija toffri possibbiltajiet estensivi għal innovazzjoni fix-xogħol tal-awditjar. *Data kbira* u *data miftuħa* jagħtuna ċerti possibbiltajiet bħalma huma analiżijiet ta' korrelazzjoni, ta' networks, jew ta' testijiet. Permezz ta' għodod ta' viżwalizzazzjoni tad-*data*, li mhumiex għaljin, aħna nistgħu niżvelaw is-sejbiet tal-awditjar u nikkomunikawhom aħjar fir-rapporti tagħna. Aħna biħsiebna nagħmlu użu sħiħ minn teknoloġiji ġodda fl-awditijiet tagħna.

Ippjanar

L-aġilità u l-kapaċità innovattiva tagħna jiddependu minn kif nidderieġu xogħolna fil-ġejjieni. Fl-ippjanar ta' xogħolna, aħna se nieħdu inkonsiderazzjoni ħames oqsma ta' prijorità wesgħin għall-2018-2020 (ara l-*kaxxa*). Dan il-proċess mhux biss se jkun aktar reattiv għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati tagħna iżda wkoll aktar flessibbli biex b'hekk ikun jista' jirreaġixxi għal żviluppi fl-Unjoni.

L-oqsma ta' prijorità tal-QEA għall-ippjanar ta' xogħolna fl-2018-2020

- Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u indirizzar tat-tibdil fil-klima
- Investiment fil-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni
- Sfidi relatati mal-migrazzjoni, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli globali
- Suq uniku li jiffunzjona u unjoni monetarja sostenibbli
- Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni b'mod responsabbli u effiċjenti

Proċess

Il-proċess tal-awditjar tagħna jinkludi proċeduri rigorużi biex il-fatti awditjati jiġu vverifikati mal-Kummissjoni u ma' entitajiet awditjati oħra. Barra minn hekk, aħna għandna sistema komprensiva għall-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu għall-prodotti finali kollha tagħna. Biħsiebna nagħmlu kull sforz biex il-proċess tal-awditjar tagħna jkun eħfef u aktar rapidu mingħajr ma nikkompromettu l-kwalità tal-prodotti tagħna.

Rimarki ta' konklużjoni: Nikkontribwixxu għat-trawwim ta' fiduċja fl-UE fil-perjodu 2018-2020

Billi nindirizzaw l-għanijiet strateġiċi sal-2020, aħna - permezz ta' awditjar indipendenti - se nkunu pprovdejna għarfien dwar x'jiffunzjona u x'ma jiffunzjonax fl-infiq u f'azzjonijiet oħra tal-UE. Dan huwa mistenni li jtejjeb il-mod kif l-UE tiffunzjona u kif tkun mifhuma, li min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għat-trawwim ta' fiduċja fl-UE. Aħna se noħorġu Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni li se tagħti aktar valur miżjud fid-dawl tat-titjib reċenti li seħħ fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE u li se tkompli timmotiva aktar titjib fil-ġejjieni. Se noħorġu rapporti li jkunu jindirizzaw aħjar il-mistoqsija li hi l-aktar urġenti għaċ-ċittadini tal-UE: "X'qed jinkiseb bi flus l-UE u b'interventi oħra tal-UE?" Il-prodotti tagħna se jkunu jistgħu jagħmlu aktar differenza jekk jirnexxilna nikkomunikaw aħjar is-sejbiet tagħna. Fl-aħħar nett, l-organizzazzjoni interna tagħna se tagħmel użu sħiħ mill-persunal, mit-teknoloġija u mill-għarfien tal-persunal tagħna għall-benefiċċju tal-prodotti tagħna.

Li nipprovdu argumenti razzjonali huwa l-essenza tal-awtorità tagħna bħala awditur. Madankollu, sabiex inrawmu l-fiduċja, ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jrid jieħu kont tat-tħassib tal-parti interessata aħħarija tagħna, iċ-ċittadini Ewropej, kemm illum kif ukoll fil-ġejjieni. Fl-aħħar mill-aħħar, l-UE mhijiex magħmula minn ċifri, iżda min-nies.

Xi rridu niksbu permezz tal-istrateġija għall-perjodu 2018-2020

X'jiġri fl-istrateġija għall-perjodu 2018-2020: erba' għanijiet strateġiċi

